# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 884

KAZ NRU. 896

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Georgina Aitchison

u

P2M Fish Farm
Pisciculture Marine de Malte
Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 27 ta' Ottubru, 1997

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 18 ta' Jannar 1995 b'riferenza ME/4/95 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-kaz beda jinstema' mit-Tribunal bis-sur Anthony Farrugia bhala Chairman. Wara r-rizenja tieghu fi Frar 1997 il-kaz gie assenjat lis-sur Albert J. Tabone. Fl-ewwel seduta (4 ta' Marzu 1997) it-Tribunal rikostitwit bi qbil mal-partijiet iddecieda li biex ma jintilifx hin ma jibdiex kollox mill-gdid u jkompli bil-kaz.

It-Tribunal zamm erbatax (14)-il seduta taht ic-chairmanship tas-sur Anthony Farrugia u seba' (7) seduti taht ic-chairman odjern.

Is-sinjura Georgina Aitchison, aktar 'il quddiem tissejjah l-"appellanti" kienet assistita mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici u P2M Fish Farm Pisciculture de Malte Ltd, aktar 'il quddiem tissejjah il-"kumpanija", kienet rapprezentata mis-sur Robert Aquilina assistit mill-avukat Stefan Frendo.

L-appellanti kienet ilha impjegata fil-Fish Farm tal-kumpanija Pisciculture de Malte Ltd bhala Packing Supervisor mill-1 ta' Gunju, 1992. Kienet originarjament impjegata bhala Packer fit-3 ta' Ottubru, 1991. L-impjieg taghha gie mitmum mill-10 ta' Ottubru 1994 minhabba l-fatt li fuq 'il post u waqt il-hin tax-xoghol aggrediet lil Tristan Haynes, impjegat iehor. L-appellanti kkontendiet li t-temm ta' l-impjieg taghha ma kienx gustifikat ghax dak li ghamlet ghamlitu bhala reazzjoni ghal agir ta' Tristan Haynes versu lejha.

**<u>DIKJARAZZJONIJIET FIL-QOSOR</u>**

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz il-kumpanija, f'linja preliminari, ssottomettiet illi l-proceduri odjerni huma nulli stante li l-impjieg ta' l-appellanti kien mas-Socjeta' Pisciculture Marine De Malte Ltd u mhux ma' P2M Fish Farm li m'ghandhiex personalita' guridika. Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija spjegat ic-cirkostanzi li wasslu ghat-temm ta' l-impjieg tas-sinjura Georgina Aitchison. Fil-qosor hi telqet mill-post tax-xoghol taghha, marret fil-kamra tad-*divers* fejn kien hemm l-imsemmi Tristan Haynes biex tiehu soddisfazzjoni fuq kwistjoni personali ta' bejniethom. Ghalkemm ghal xi hin l-argument waqaf u l-appellanti kienet hierga l-barra mill-kamra, f'daqqa daret u xejret daqqa ta' ponn fuq wicc Haynes. Wara li s-sur Robert Aquilina, General Manager, accerta ruhu fuq il-fatti, gie deciz li l-impjieg ta'

Georgina Aitchison jigi mitmum, kif fil-fatt sar dak il-jum stess ta' l-incident b'effett immedjat.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha l-appellanti ammettiet li marret tkellem lil Tristan Haynes dwar fond ta' abitazzjoni li kienet tikrilu u gie mistqarr li hu, minghajr provokazzjoni nsultaha u kellimha baxx u oxxen. Hi rreaggiet billi ghamlet ghalih u hu wiegeb billi gibdilha xaghraha u benglilha idha.

**TRATTAZZJONI**

Xehdu quddiem it-Tribunal il-persuni msemmija hawn taht :

Is-sur Robert Aquilina
Is-sur Denis Galea
Is-Surgent 765 Samuel Attard
Is-sur Samuel Camilleri
Is-sur Victor Spiteri
Is-sur Stephen Borg Millo
Is-sur Anthony P. Sammut
Is-sinjura Georgina Aitchison

It-Tribunal ha nota ta' l-affidavit bid-data ta' l-14 ta' Marzu 1996 ta' Tristan Haynes rigwardanti l-incident ta' l-10 ta' Ottubru, 1994 u ta' l-istqarrijiet miktuba ta' Samuel Camilleri u Peter Fenech dwar l-istess incident.

Fis-seduta tas-17 ta' Marzu 1997, it-Tribunal gibed l-attenzjoni tal-partijiet ghas-sottomissjoni preliminari tal-kumpanija u appella biex il-kwistjoni tigi kjarifikata. Wara interventi mill-avukati intlahaq qbil li l-kliem "P2M Fish Farm" jigu kwalifikati bil-kliem "Pisciculture Marine De Malte Ltd."

Id-dikjarazzjoni tal-kaz tal-kumpanija jiddikjara li "it-tkeccija saret minhabba li l-istess appellanti Georgina Aitchison aggrediet fizikament lil Tristan Haynes, impjegat iehor ta' l-appellati nomine, fuq il-post tax-xoghol waqt il-

hinijiet tax-xoghol u kkagunatlu feriti ta’ natura hafifa fuq wiccu u idu x-xellugija”. Dan gara fl-10 ta’ Ottubru, 1994.

Kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Dennis Galea, fil-gurnata ta’ l-incident kien hemm prezenti fid-*Divers Room*, apparti Denis Galea, Peter Fenech, Samuel Camilleri u Tristan Haynes. Mill-ahhar tlieta kien biss Samuel Camilleri li ta x-xhieda tieghu fejn bazikament ikkonferma d-dikjarazzjoni bil-kitba li kien ghamel qabel.

It-testimonjanza ta’ dawn l-erba’ persuni kkoncentrat l-izjed fuq l-azzjonijiet ta’ Georgina Aitchison ghalkemm saret riferenza li Aitchison u Haynes bdew jitghajru. Dan jindika l-possibilta’ li meta ra ma’ wiccu Trisan Haynes beda ikellimha baxx.

Bl-eccezzjoni ta’ l-erba’ persuni fid-*Divers Room* u tas-Surgent Samuel Attard, s-sur Robert Aquilina u s-sinjura Georgina Aitchison innifisha, x-xhieda l-ohrajn itellghu biex jixhdu dwar l-attegament ta’ Aitchison fuq il-post tax-xoghol u f’dawk li kienu r-relazzjoni taghha ma kollegi u superjuri. Ma setghu jitfghu ebda dawl fuq x’gara fl-10 ta’ Ottubru 1994.

Il-General Manager, is-sur Robert Aquilina, wkoll tkellem fuq il-karattru u l-kwalita’ ta’ xoghol ta’ Georgina Aitchison. Hareg car li ghall-management glied fuq il-post tax-xoghol fil-hin tax-xoghol bejn impjegati hi haga intolerabbli u ghalhekk waslu ghad-decizjoni ta’ tkeccija. Is-sur Aquilina qal ukoll li kieku Aitchison kienet inqas argumentattiva u ma kinitx dejjem lesta tiehu l-ligi f’idejha forsi ma kinux jispiccaw bi tkeccija.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz ta’ l-appellanti kien hemm ammissjoni li Aitchison marret tkellem lil Haynes dwar pendenzi li kellu maghha in konnessjoni mal-fond tal-abitazzjoni li hi u zewgha kienu krewlu. Giet provokata minn

kliem baxx u oxxen ndirizzat lilha minn Haynes u rreagiet billi ghamlet ghalih.

Mix-xhieda ta' Georgina Aitchison, kemm fl-ezami u kemm fil-kontro-ezami hareg car li atteggamenti goffi huma pjuttost komuni fl-ambjent tax-xoghol li kienet tahdem fih. Biss jezisti konflitt bejn dak li qalet li ghamlet hi fil-konfornt ta' Haynes u dak li qalu xhieda ohra. Kif svolgew l-affarijiet difficli wiehed jemmen li Haynes m'ghamel ebda razzjoni fizika. Mix-xhieda wkoll ma rrizultax kjarament li l-appellanti kellha xi labra f'idha.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

It-Tribunal quddiemu kellu haga wahda biss, it-tkeccija ta' Georgina Aitchison fl-10 ta' Ottubru 1994. Ir-raguni ghat-tkeccija moghtija mill-kumpanija hi li l-appellanti aggrediet fizikament lit-Tristan Haynes. Dik kienet il-gustifikazzjoni wahdanija ghat-temm ta' l-impjieg.

Tkeccija minn impjieg hi ekwivalenti ghal piena kapitali fil-kamp kriminali. Ghalhekk min ihaddem ma jistax jirrikorri ghaliha facilment u ghal raguni jekk mhux altru valida. Tkeccija hi l-unika piena possibbli f'kazi ta' offizi ppruvati jew evidentement serji jew f'kazi ta' inqas serjeta' imma wara numru ta' twissijiet ghan-nuqqasijiet.

Ghalhekk f'dan il-kaz ukoll ma jistghux jigu njorati antecedenti ta' natura dixxiplinari, jekk kien hemm. L-appellanti nnifisha qalet li dejjem kienet diligenti u efficjenti fuq xogholha. Dan ta lok lill-kumpanija li, permezz ta' xhieda, tohrog li l-karattru ta' l-appellanti hu tali li jinterferixxi mal-mod kif taghmel xogholha. Ghalkemm issemma li giet imwissija numru ta' drabi verbalment ma harigx car kemm dan it-twiddib kien serju b'indikazzjoni x'jigri jekk l-impjegat ma jaghtix widen.

Ghalhekk it-Tribunal hass li ghandu joqghod fuq l-avvenimenti ta’ l-10 ta’ Ottubru 1994 biss fl-assenza ta’ provi ta’ twissijiet precedenti. Dan il-kaz irrisolva ruhu ghal wiehed pjuttost semplici - jekk haddiem jistax jiggieled ma’ haddiem iehor fuq il-post tax-xoghol u jghaddiha lixxa jew kwazi?

Mhux accettabbli li problemi bejn individwi barra mill-post tax-xoghol ikunu rizolti fuq il-post u waqt il-hin tax-xoghol ghad-detriment tal-produzzjoni. Dan hu hazin anke jekk wiehed jittratta b’mod pacifiku, kemm hu aghar meta kwistjoni simili tispicca bi glied u tghajjir. Ebda management ma jista’ jaccetta u jittollera agir simili.

**DECIZJONI**

Fil-kaz in kwistjoni ma jezistix l-icken dubbju li Georgina Aitchison marret issib lil Tristan Hayes minn rajha fuq il-post tax-xoghol u waqt il-hin tax-xoghol. Kieku m’ghamlitx hekk ma kienx jinqala’ l-glied bejniethom. Hi kienet il-kawza ta’ l-incident u anke jekk kienet provokata hi refghet idejha fuq haddiem iehor.

Dan it-Tribunal ma jaccettax u wisq inqas jiskuza l-uzu ta’ vjolenza fuq il-post tax-
xoghol u haddiem li jirrikorri ghaliha m’ghandux ikun sorpriz meta jsib ruhu mkecci. Il-kaz ta’ Georgina Aitchison jaqa’ f’dawn il-parametri u ghalhekk it-Tribunal isib li t-temm ta’ impjieg ta’ l-appellanti kien ghar-raguni gusta u skond il-ligi.

**DRITTIJIET**

Ghall-finijiet ta’ l-Avviz Legali Numru 48 ta’ l-1986, it-Tribunal jistabilixxi d-dittijiet ta’ min assista l-partijiet fl-ammont ta’ Lm40 (erbghin lira Maltin) kull wiehed.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---------------------
**Albert J. Tabone**
**Chairman**

-----------------
**Edwin Spiteri**
**A/Segretarju**

mrg